MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 32/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Tanti talli fil-15 ta' Lulju 1997 u xhur qabel din id-data, gewwa l-Imsida, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vetturi Ford I-4147 ghad-detriment ta' Teddeus Cuschieri, Ford D-0762 ghad-detriment ta' Geoffrey Farrugia, Ford minghajr numri ghad-detriment ta' Emanuel Schembri, Mini HAB-212 ghad-detriment ta' Paul Degiorio u nies ohra, liema hsara ammont totali ta' hsara ma jiskorrix il-

hames mitt liri Maltin (Lm500) imma izjed minn hamsin liri Maltin (Lm50);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Jannar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Tanti hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal seba’ xhur prigunerija sospizi ghal sentejn;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Anthony Tanti pprezentat fil-11 ta’ Frarl 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena; alternattivament, jekk din il-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm piena, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji principali ta' l-appellant jirrigwardaw l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi mressqa quddiemha.

Qabel xejn tajjeb hawn li wiehed ifakkar li huwu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury**

---

1 Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-ewwel Qorti biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u ma tara l-ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi u l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.
L-appellant jghid li ghalkemm huwa gie akkuzat li wettaq ir-reat in kwistjoni fil-15 ta' Lulju 1997, din id-data ma gietx ikkonfermata minn Emanuel Schembri, il-persuna li rrapportat il-hsarat, u li f'kawza civili, semma' d-data tad-9 ta' Settembru 1997. Ghalhekk skond l-appellant, f'dan il-kaz "il-kwistjoni ta' prova minghajr l-icken dubbju ma giex

rispettat". Jilmenta wkoll mill-fatt li ma ngabet l-ebda prova li huwa nqabad fil-fatt jaghmel l-atti addebitati lilu.

Jigi l-ewwelnett iccarat li *in criminalibus* il-prova li trid ggib il-prosekuzzjoni mhijiex dik tac-certezza assoluta, kif jidher li qieghed jikkontendi l-appellant, izda dik tal-prova minghajr dubbju ragonevoli. U l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, wara li gharblet il-provi migjuba, in effetti stqarret li "l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad probatorju li jrid il-kamp kriminali, u cioe` *beyond reasonable doubt*". Lanqas m'hemm bzonn, biex imputat jinstab hati, li jkun inqabad *in flagrante*; provi indizjarji jistghu wkoll iwasslu ghal sejbien ta' htija.

L-appellant jghid li l-ewwel Qorti mxiet biss fuq l-evidenza inkonsistenti tal-prosekuzzjoni. Dik li l-appellant jara bhala inkonsistenza, cioe` l-kwistjoni tad-data meta saru l-hsarat fuq il-vetturi in kwistjoni, hi biss inkonsistenza apparenti. Mhijiex haga inverosimili li persuna tinsa d-data meta jkunu sehh certu incident sakemm ma jzommx djarju u jikteb fih dak li jkun sehh proprju biex ikun jista' jiffriska l-memorja. Barra minn hekk fil-kaz in ezami d-data tirrizulta mill-okkorrenza tal-Pulizija (a fol. 47 u 48). Li l-incident in kwistjoni ma setax sehh f'Settembru jirrizulta wkoll mill-fatt li s-*survey* tal-karrozzi danneggjati sar f'Awissu kif jidher mill-ircevuta rilaxxjata mis-*surveyor* Marc Micallef (a fol. 14). Inoltre l-prova principali li strahet fuqha l-ewwel Qorti kienet l-ammissjoni ta' l-appellant stess.

L-Ispettur Stephen Gatt xehed li kwazi fl-ahhar ta' Jannar 2000 kien baghat ghall-appellant minhabba incident iehor ma' persuna differenti u fost id-diskors li sar bejniethom issemma' dak in kwistjoni. L-Ispettur Gatt xehed hekk: *"Ghidtlu: 'Inti diga` ghandek kaz iehor mieghi li ghad irid jigi appuntat.' Ghidtlu: 'Tal-karrozzi.' Qalli: 'Dak preskritt'. Qalli: 'Insomma dawk jiena ghamilthom il-hsara imma dak preskritt u dak tista' tinsieh.'"* Prezenti kien hemm ukoll P.S. 78 Joseph Cremona li kkonferma quddiem l-ewwel Qorti li sema' dan id-diskors. Apparti dan hemm dik li fil-fehma ta' din il-Qorti hija ammissjoni inekwivoka ta' l-appellant meta xehed quddiem l-ewwel Qorti u qal: *"u jiena lest li noffrilu l-mitejn lira **ghax jiena zbaljajt**"*.

Konsegwentement l-aggravji indikati fir-rikors ta' appell fil-paragrafi (a), (b) u (d) huma infondati u l-ewwel Qorti kienet ghal kollox gustifikata tasal ghall-konkluzjoni li l-appellant kien hati tar-reat addebitat lilu.

L-appellant jidher li qieghed jikkontesta l-kwantum tad-danni. Fil-fatt jilmenta mill-fatt li ma giex appuntat espert tekniku sabiex jivverifika l-hsarat. Tali ezercizzju zgur ma kienx mehtieg li jsir fil-kaz in ezami. Il-hsara li allegatament saret fuq il-vetturi msemmija fl-imputazzjoni giet tammonta ghal Lm395 skond id-dokumenti a fol. 14 sa 18. L-appellant jidher li kien lest ihallas Lm200. Ir-reita`, kemm jekk l-ammont kien ta' Lm395 kif ukoll jekk kien ta' Lm200, xorta taqa' taht il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali. U nonostante li l-appellant kien sahansitra vverbalizza (fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2002) li kien lest ihallas Lm200 lil Schembri, minn imkien ma jirrizulta li qatt talab hu stess in-nomina ta' espert tekniku. Ghalhekk anke l-aggravju taht il-paragrafu (c) huwa infondat.

Fl-ahharnett l-appellant jirreferi ghall-aspett ta' provokazzjoni li dwaru l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha indikat li ma kienet giet sollevata l-ebda difiza ta' provokazzjoni. Jghid li l-ewwel Qorti setghet tara b'mod car li Schembri ma kien jikkalkola lil hadd izda jsostni li l-kumment ta' l-ewwel Qorti ma jreggix ghax il-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha. Bhalma diga` ntqal f'din is-sentenza, il-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha u l-ewwel Qorti kellha kull dritt li taghmel l-osservazzjoni li hija ghamlet. Difatti anke min-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-appellant (a fol. 108 - 110) jirrizulta li l-uniku punt trattat kienet il-kwistjoni tad-data!

Kwantu ghall-piena l-appellant jitlob li tigi imposta piena aktar gusta u ekwa. In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun

hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

Ir-reat li tieghu nstab hati l-appellant igorr mieghu piena ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 imbaghad il-piena tista' tizdied b'grad - jigifieri ghal prigunerija minn seba' xhur sa tmintax-il xahar - jew b'zewg gradi - jigifieri ghal prigunerija minn disa' xhur sa sentejn. Jidher car ghalhekk li l-ewwel Qorti mhux biss applikat il-piena minima mizjuda bi grad wiehed izda sahansitra mbaghad ssospendiet l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raguni impellenti biex tiddisturba l-piena li l-ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, imponiet fuq l-appellant. Aktar u aktar meta, minn ezami tal-fedina penali aggornata ta' l-appellant, jirrizulta li huwa propens ghal atti ta' vjolenza li din il-Qorti ma tistax tittollera.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghal kull bwon fini din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ir-registratur ghandu jottempera ruhu ma' dak provdut fis-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------